MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 2471/2003

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Vs**

**David Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm141.92c (mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura DAC 632 Fiat Tempra fl-incident li sehh l-Imsida fl-10 ta' Gunju 2003 meta l-konvenut b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, mperizja, traskuragni u negligenza fis-sewqan ipprovoka l-incident fuq imsemmi meta habat bil-vettura DAV 010.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Carmelo Grima li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm141.92c (mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------